MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 383/2012

**Michael Attard Limited (C-32362)**
**Vs**
**Aaron Bartolo (K.I. 512084M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-kumpannija attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1221.22) rapprezentanti import ta' hdax-il kambjala, skaduti, accettati u ffirmati mid-debitu; bl-ispejjez u l-bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit-30 t'Ottubru, 2012 mill-Avukat Dott. Martin Bajada u l-fatt li l-konvenut naqas li

jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1221.22) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba u skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------